# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DEĊIŻJONI NRU. 2344

Każ Nru 3196/FM

Fil-Kwistjoni tax-Xogħol

bejn

Raisa Savona

u

Media Games Malta (EU) Ltd

*dwar: tkeċċija mill-impieg allegata li hi nġusta*

Data: 14 ta' Jannar 2015

**Chairman: Franco Masini**

**1. Introduzzjoni**

Dan il-każ kien intavolat permezz ta' rikors magħmul fl-24 ta' Jannar 2014 mill-Avv Abigail Critien f'isem Raisa Savona fejn allegat li din kienet ġiet liċenzjata mill-impieg ta' *slot attendant* illegalment minn mas-Soċjetà Media Games Malta (EU) Ltd fil-11 ta' Novembru 2013. Is-Soċjetà Intimata li kienet rappreżentata minn Ray Busuttil u Pierre Vella, assistiti mill-Avv Geoffrey Vella, innegat dan. Inżammu seba' seduti.

Ai termini tal-Artikolu 78(1) tal-Kap 452 irid jingħad illi minħabba differiment kif ukoll in-numru ta'seduti ma kienx possibbli li l-każ jinstama' u jinqata' fi żmien xahar kif preskritt fl-istess Kap.

**2. Fatti tal-Każ**

Is-Soċjetà Intimata tgħid li r-Rikorrenti kienet tħalli l-istabbiliment fejn kienet taħdem f'Birżebbuħa waħdu waqt li kienet toħroġ tixtri sigarretti, kienet titlajja ma nies oħra fil-ħanut viċin jismu Charlie's Bar u kienet tagħti kunfidenza lill-klijenti ta' dan il-ħanut tant li kienu jpoġġu quddiem il-post tax-xogħol tagħha u hekk jostakolaw l-istabbiliment li kienet responsabbli għalih hi. Darba ukoll daħlet għax-xogħol għoxrin minuta tard. Ta' dan kollu s-Soċjetà Intimata kellha provi permezz ta' CCTV. Ir-Rikorrenti tiċħad bil-qawwa dawn l-allegazzjonijiet u tgħid li qatt ma ingħatat xi *warning.*

**3. Kunsiderazzjonijiet**

L-allegazzjonijiet tas-Soċjetà Intimata jidhru li kienu sostanzjati minn ritratti li ttieħdu permezz ta' CCTV li kien ikopri l-istabbiliment fejn kienet qedha taħdem ir-Rikorrenti. Jirriżulta wkoll illi ir-Rikorrenti kienet konxja li kien hemm kontroll visiv ta' kull ma jsir. Għaldaqstant ma jistax jingħad li dan kien xi forma ta' kontroll mhux leċtu. Ir-Rikorrenti tgħid li qatt ma ingħatat *warnings* u hawn fejn irid jara sewwa it-Tribunal. Fis-27 ta' Settembru 2013 Ray Busuttil bagħat lil-Rikorrenti *e-mail* (immarkat bħala J1 ma' li *statement of case* tas-Soċjetà Intimata) li huwa twissija ċara. Oltre dan Pierre Vella jgħid li "wissejtha kemm-il darba, ibża għall-job għandek job bhal dak" (seduta 2.4.14 fol.10). Jidher li ma kienitx tirreaġixxi b'mod negattiv għal *warnings* iżda Pierre Vella jgħid li kien qata' qalbu għax ma riedux jisimgħu (fol. 12). Huwa manifestament ċar illi n-nuqqasijiet tar-Rikorrenti kienu gravi, partikolarment meta tħalli l-istabbiliment waħdu u tgħaddi ħin twil barra b'xi skuża jew oħra. Dan minħabba is-sensività ta' dat-tip ta' attività jikkostitwixxi fl-opinjoni tat-Tribunal nuqqas serju li jimmerita s-sanzjoni estrema ta' tkeċċija.

**4. Deċiżjoni**

It-Tribunal Industrijali jiddeċidi li l-liċenzjament tar-Rikorrenti Raisa Savona minn mas-Soċjetà Intimata Media Games Malta (EU) Ltd kien għal raġuni ġusta u suffiċjenti.

B'hekk jintemm dan il-Każ.

**5. Drittijiet**

Ai termini tal-Avviż Legali nru 48 tal-1986 it-Tribunal jillikwida d-drittijiet lill min assista lill-partijiet fl-ammont ta' €93 kull wieħed.

Iffirmat : Franco Masini

Chairman

Vera kopja

Mary Rose Galea

A/Segretarja